MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1535/2005

**Carmen Muscat**

**vs**

**Sydney u Mary konjugi Campell**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) rapprezentanti sehem l-attrici bhala senserija jew kumpens dovut lilha mill-konvenuti wara l-bejgh ta' propjeta tal-konvenuti fil-Qawra liema bejgh sar permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Ottubru 2003 fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) b'l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------